



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14490/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0335 (NLE)**

---

---

**MAMA 191  
MED 75  
AGRI 594  
PECHE 460  
PA 6  
WTO 276**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd

---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir rigward tal-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal- Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/430/KE<sup>1</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.
- (2) L-Artikolu 63(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim stabbilixxa Kumitat Konġunt għall-kummerċ u kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana ("il-Kumitat Konġunt") bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 1997 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Proviżorju ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju ta' l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża (ĠU L 187, 16.7.1997, p. 1). Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 026 P. 122 - 123

- (3) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaħa, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaħa, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2011/824/UE<sup>1</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012. L-emendi temporanji għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim previsti mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri (“l-emendi temporanji”) ser jiegħfu japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2021.
- (4) Skont il-Punt C, il-paragrafu 1(a) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjoni dwar estensjoni tal-emendi temporanji.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaħa, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaħa, min-naħa l-oħra (ĠU L 328, 10.12.2011, p. 5).

- (5) Il-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża għadha teżisti. Dan huwa partikolarment il-każ wara vjolenza reċenti f'Gaża u madwarha. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà politika fir-reġjun. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri kien ġie konkluż oriġinarjament għal perijodu ta' għaxar snin. Fid-dawl tat-tbatija ekonomika persistenti fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża u sabiex jiġu massimizzati l-istabbiltà u l-affidabbiltà tal-ippjanar, estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'10 snin oħra tkun l-aktar miżura effettiva. Huwa għalhekk xieraq li l-emendi temporanji jiġu estiżi għal perijodu addizzjonali ta' 10 snin.
- (6) Il-Kumitat Konġunt irid jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji b'10 snin.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, billi d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan l-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-emendi temporanji previsti mill-Punt A tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt<sup>1</sup>.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST 14502/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.